MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2015

Numru. 1049/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Gordon Spiteri**

**Kumpilazzjoni Numru: 1049/2010**

**Illum, 23 ta' Marzu 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gordon Spiteri ta' 38 sena bin Michael u Mary Dolores nee' Falzon imwieled Attard fl-20 ta' Novembru 1971, u joqghod 40 'Margo', Triq l-Arcilla, Balzan, detentur tal-karta ta' l-identita'numru 510971(M):

a) Billi huwa akkuzat talli fil-21 ta' Awwissu 2007 u/jew f'xi data qabel, f'dawn il-Gzejjer, fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tas-Socjeta' *AMG Cold Stores Limited,* ghamel falsifikazzjoni fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-fiem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta' l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz, ai termini ta' l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'dokument mahsub ghal awtorita' pubblika u cioe' lid-Dipartiment tad-Dwana, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, ai termini ta' l-artikoli 188 u 189 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

*d)* F'isem il-Kontrollur tad-Dwana u qed jigi akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, xjentement issottometta informazzjoni f'taghrif fid-dokument tad-Dwana ***SAD Reference No 2007600670668*** relatata ma' **Fattura bin-Numru ME6937 datata 05.06.2007,** biex sussegwentement ikun jista' jigi rilaxxat kontejner bin-numru MSCU 3612346 importat minn New Zealand b'konsenja ta' **700 kaxxa *Frozen Boneless Meat,*** liema dokumenti juru valuri anqas minn dak originali;

B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda valur reali, fis-sens li l-valur dikjarat kien ta' **LM34,346 (€80,006),** Dazju ta' Importazzjoni mhallas kien ta' **LM20,465 (€47,671),** meta fil-fatt il-Valur u d-Dazju ta' Importazzjoni reali kellhom ikunu **LM45,508 (€106,006) u LM21,894 (€50,999)** rispettivament.

B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta, xjentement kellu b'xi mod jaqsam filli bil-qerq jinharab id-Dazju ta' Importazzjoni li jammonta ghall **LM1,429 (€3,329).**

Il-kontejner bil-merkanzija inkwistjoni, gie impurtat f'Malta minn New Zealand mal-vapur MV Europower fit-12.08.2007 u rilaxxat bid-dokument tad-**Dwana TDID (*Declaration*) No: 2007600670668**.

*e)* Talli wkoll fis-27 ta' Settembru 2007, u/jew f'xi data qabel bil-hsieb li jigi evadut xi dazju jew taxxa li kien imisshom jithallsu, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew issottometta document jew informazzjoni f'taghrif b'dokument tad-Dwana - ***SAD Reference No: 2007600692314*** relatat ma' **Fattura Numru ME6963 datata 02.08.2007,** biex sussegwentement ikun jista' jigi rilaxxat **kontejner bin-numru CRLU311367/6 importat minn New Zealand** b'konsenja ta' **731 kaxxa** ***Frozen Boneless Meat,*** liema dokumenti juru valuri anqas minn dak originali.

B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda valur reali, fis-sens li l-valur dikjarat kien ta' **LM36,600 (€85,257),** Dazju ta' Importazzjoni mhallas kien ta' **LM21,833 (€50,857),** meta fil-fatt il-Valur u d-Dazju ta' Importazzjoni reali kellhom ikunu **LM57,660 (€134,313) u LM24,528 (€57,135)** rispettivament.

B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta, xjentement kellu b'xi mod jaqsam filli bil-qerq jinharab id-Dazju ta' Importazzjoni li jammonta ghall **LM2,695 (€6,278).**

Il-kontejner bil-merkanzija inkwistjoni, gie impurtat f'Malta minn New Zealand mal-vapur MV Europower fit-22.09.2007 u rilaxxat bid-dokument tad-**Dwana TDID (*Declaration*) No: 2007600692314**.

**Id-Dazju ta' Importazzjoni** totali evadut, fuq dawn il-konsennji ta' laham li kienu gew importati minn Gordon Spiteri, f'isem is-socjeta' ta' ***AMG Cold Stores Limited***, jammonta ghall-**LM4,124 (€9,607).**

Dan bi ksur ta' l-artikoli: 18, 62(f)(g)(h)(i)(k)(m), ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, u l-artikolu 18A ta' l-Att dwar Dazji ta' Importazzjoni Kap 337 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat il-*letter to prosecute* tal-Kontrollur tad-Dwana[1].

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

[1] Dok MD a fol 21 u 22 tal-process.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' (1) falsifikazzjoni; (2) li xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz; (3) li xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dokument mahsub ghall-awtorita' pubblika cioe' lid-Dipartiment tad-Dwana; u (4) evazjoni tad-dazju dovut.

Illi mill-atti jirrizultaw is-segwenti fatti:

- L-imputat Gordon Spiteri fid-data meta sehh il-kaz inkwistjoni kien wiehed mid-diretturi tas-socjeta' AMG Cold Stores Limited[2] liema kumpanija timporta *foodstuffs.*
- Mhux kontestat li l-imputat kien ordna konsenji ta' *Frozen Boneless Meat* minn New Zealand fis-sena 2007.
- L-Ispettur Curmi fix-xhieda tieghu[3] jghid li l-imputat meta rrilaxxja l-istqarrija kien ammetta mill-ewwel li huwa ddecieda li jbaghbas l-ircevuti li kellhom ighaddu lid-Dwana ta' Malta biex jiffranka d-dazju. L-istess imputat stqarr li huh l-iehor (direttur ukoll) u missieru ma kienux jafu b'dak li kien sar ghaliex kien huwa li kien jiehu hsieb jordna u jaghmel dan it-tip ta' xoghol.
- Infatti mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta li b'referenza ghall-Invoices Numri ME6937 datata 5 ta' Gunju 2007 u ME6963 datata 2 ta' Awwissu 2007 huwa kien ghamilhom *by scan* fuq il-laptop tieghu personali. Wara li pprintja l-invoices ghaddihom lill-burdnar biex imur bihom id-Dwana biex jinhareg ix-xoghol. Il-figuri li jidhru fl-invoices hadimhom l-imputat u l-iskop kien biex il-kumpanija thallas dazju anqas minn dak dovut.
- Infatti jirrizulta li kien hemm *under declaration* tal-prezz reali li effettivament kien jiswa' l-laham b'tali mod li thallas dazju anqas milli suppost.

[2] Dok CA a fol 82 *et sequitur*
[3] Seduta tat-8 ta' Novembru 2010

- Jirrizulta wkoll li sar ezercizzju mad-Dwana ta’ New Zealand u gie kkonfermat li l-ircevuti li nghataw lid-Dwana ta’ Malta ma kienux jikkombacaw ma’ dawk li nghataw lid-Dwana ta’ New Zealand.
- Illi d-difiza min-naha taghha anki f’dawn il-proceduri ma tikkontestax li l-imputat fil-fatt evada d-dazju f’dawn iz-zewg istanzi msemmija.
- Illi l-uniku kontestazzjoni li tezisti bejn l-imputat u l-Kontrollur tad-Dwana hija l-komputazzjoni tal-multa li ghandha tithallas f’dan il-kaz.

**L-Ewwel Tlett Imputazzjonijiet**

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta’ falsifikazzjoni ai termini ta’ l-artikolu 183, 184 u 188 tal-Kodici Kriminali.

Referenza ssir ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Glen Debattista**[4]

*“Illi permezz ta’ l-imputazzjonijiet tlieta sa tmienja l-imputat qed jigi addebitat b’diversi forom ta’ falsifikazzjoni.*

*Illi fil-fatt il-Ligi taghna tipprovdi kemm dwar ‘l hekk imsejjah falz materjali kif ukoll ‘l hekk imsejjah falz ideologiku. Id-differenza bejn dawn il-forom ta’ falsifikazzjoni tohrog cara minn dak li qalet il-Qorti ta’l-Appell Kriminali:*

*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b’dan il-mod: fil-waqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi falsifikat f’l-essenza tieghu, fil-kaz tal-falz ideologiku d-dokument ikun falsifikat biss fis-sustanza tieghu u cioe fil-kontenut ideali tieghu; ikun hemm falsita materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz*

[4] Deciza fil-11 ta’ Settembru, 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

*ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrario al vero".*[5]

*Illi f'l-istess kaz hawn fuq kwotata dik il-Qorti segwiet id-dottrina dwar il-falz ideologiku u l-falz materjali abbraccjata kemm minn Antolisei kif ukoll minn Manzini. Fi kliem Manzini jkun hemm falzita' materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-forma definittiva tieghu). Min-naha l-ohra l-falz ideologiku meta ghalkemm id-dokument ikun genwin 'non e' veridico, perche' colui che lo ho formato gli fa dire cose contrarie al vero.'*

*L'Antolisei jelabora fuq dan il-punt u jghid:*

*Dal fin qui detto si desume che il falso materiale, in quanto esclude la genuinita' del documento, puo' presentarsi solo in due forme: nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche' il documento e' posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell'alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall'autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui ora abbiamo parlato*[6]*.*

*Illi l-Professur Mamo jikkwota wkoll b'approvazzjoni dak li jghid l-awtur Ingliz Kenny:*

*Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is*

---

[5] Ref Pulizija vs Paul Galea Appell Kriminali deciz 17.10.1997.

[6] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II pagina 606.

*not.Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.'*[7]

*Illi l-istess Profs Mamo jirreferi ghad-dottrina Taljan msemmija aktar 'il fuq fejn jinghad 'that the forgery must be in the 'materialita' della scrittura', that is, the public or private writing in its external conditions as a document."*[8]

*Illi l-punt li jitkellem fuqu Kenny johrog minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta' l-Archbold ta' l-1978:*

*The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report: 'By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: 'Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be that it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.' This test was applied in the Court of Appeal in R versus Dodge and Harris. …..As we have said…. the primary reason for retaining a law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them. We do not think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing….The essential feature of a false instrument in relation to forgery is that it is an instrument 'which tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did*

[7] Prof Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II pagina 161.
[8] Professur Mamo Anthony op.cit. pagina 161.

*not make it (or altered by a person who did not alter it) or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered[9]."*

Illi mir-rizultanzi processwali jirrizulta li l-imputat ma jistax jinstab hati ta' l-ewwel zewgt imputazzjonijiet li jitrattaw il-falz materjali kif ravvizat fl-artikoli 183 u 184 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex huwa altru milli evidenti li fl-invoices mertu tal-proceduri odjerni r-reat sehh billi kien hemm *under declaration* tal-prezz reali li effettivament kien jiswa' l-laham importat u dan jinkwadra fil-falz ideologiku kif ravvizat fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali. Kif diga' inghad l-imputat mhux qieghed jikkontesta li ffalsifika l-invoices prezentati lid-dipartiment tad-Dwana u l-iskop tieghu kien li jiffranka d-dazju li kien dovut.

Ghaldaqstant l-imputat qieghed jigi lliberat mill-ewwel zewgt imputazzjonijiet filwaqt li qieghed jinstab hati tat-tielet imputazzjoni.

**Ir-Raba' u l-Hames Imputazzjoni**

Illi jirrizulta mix-xhieda ta' Publius Bonnici[10], Spettur tad-Dwana, li huwa kien wettaq verifika ta' dokumenti ta' importazzjoni tan-natura tal-laham. Kien talab lill-kumpanija ndagata biex tghaddilu d-dokumenti li kellhom x'jaqsmu ma tlett importazzjonijiet biex jigu ezaminati u rrediga rapport.

Carmel Attard[11], Spettur tad-Dwana fit-Taqsima tal-Infurzar, xehed li wara li kien sar ezercizzju fuq l-importazzjoni tal-laham minn New Zealand min-naha tat-taqsima tal-Post Clearance Auditing u wara li d-Dwana talbet l-ghajnuna tad-Dwana ta' New Zealand intbaghtulhom d-dokumenti tal-esportazzjoni mill-kumpanija Mount Erin f'April 2008 u l-kap ta' l-investogazzjonijiet talbu jezamina l-importazzjonijiet tal-laham li saru minn AMG Meats. Mill-ezami tad-

[9] Archbold ed.1997 pagina 1901 22-8.
[10] Seduta tat-8 ta' Novembru 2010
[11] Seduta tat-8 ta' Novembru 2010

dokumntazzjoni rrizulta li li minn tlett importazzjonijiet ossija tlett kontejners li kienu saru minn Mount Erin lil AMG Meats wahda minnhom kienet regolari pero' fit-tnejn l-ohra rrizulta li kien hemm *under declaration* tal-laham.

Huwa spjega li dwar l-ewwel kontejner li huwa MSCU 3612346 irrizulta li l-fattura tieghu hija ME 6937 datata 5 ta' Gunju 2007[12]. Il-fattura li giet prezentata mill-importatur kienet tindika bhala valur l-ammont ta' €80,006 filwaqt li meta giet imqabbla ma' dik mibghuta mid-Dwana ta' New Zealand jirrizulta li l-valur tal-laham kien fil-fatt €106,006.17. Ghalhekk kien hemm diskrepanza fil-valur fl-ammont ta' €26,000.

Inkwantu ghat-tieni kontejner li huwa CRLU 3113676 irrizulta li l-fattura tieghu hija ME 6963 datata 2 ta' Awwissu 2007[13]. Il-fattura pprezentata mill-importatur lid-Dwana kienet tammonta ghal €85,257 filwaqt li dik mibghuta mid-Dwana ta' New Zealand kienet turi valur tal-laham fl-ammont ta' €134,313.48. Ghalhekk anki f'dan il-kaz kien hemm diskrepanza fil-valur.

Illi l-artikolu relevanti huwa l-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta li mid-data ta' meta twettaq ir-reat gie emendat.

Inkwantu ghall-Invoice Numru ME 6937[14] hemm is-segwenti x'jinghad:

F'dan id-dokument insibu li l-piz tal-laham gie dikjarat korrettement. Min-naha l-ohra, il-valur tal-laham dikjarat kien €80,006 meta fil-fatt il-valur tal-laham kellu jkun €106,006. Id-dazju dovut jinhadem bil-mod segwenti:

---

[12] Dok 2 a fol 28 tal-process
[13] Dok 2 a fol 31 tal-process
[14] A fol 28 tal-process

- Billi l-laham gie impurtat minn New Zealand japplika 3rd Country duty li huwa 12.8% tal-valur dikjarat li f'dan il-kaz[15] ammonta ghal €10,241 liema ammont thallas mis-socjeta'.
- Bhala dazju fuq il-piz, dan jinhadem bir-rata ta' €304.1/100kg. F'dan il-kaz billi l-piz iddikjarat kien veritier id-dazju kollu li kien dovut cioe' €37,432 thallas fl-intier tieghu.
- Biss pero' billi kien hemm *under declaration* rigwardanti l-valur, id-dazju li kellu jithallas kien fl-ammont ta' €13,569[16]. Ghalhekk id-dazju evaz rigward dan il-kontejner huwa ta' €3,329. Infatti thallas l-ammont ta' €47,671 meta kellu jithallas l-ammont ta' €50,999.

Ghar-rigward it-tieni kontejner b'Invoice Numru ME 6963 japplikaw l-istess kunsiderazzjonijiet:

- Il-piz ta' 13,185 kgs gie dikjarat korrettement u ghalhekk anke id-dazju fuq il-piz kien korrett. F'dan il-kaz jirrizulta li thallas l-ammont ta' €39,944 mis-socjeta'.
- Il-valur li gie dikjarat kien €85,257 w allura l-ammont li thallas kien ta' €10,913[17]. Mentri rrizulta li l-valur tal-laham kien attwalment €134,313 u konsegwentement id-dazju dovut kellu jkun ta' €17,192[18]. B'rizultat ta' dan jirrizulta li filwaqt li d-dazju mhallas mis-socjeta' kien €50,857, dak verament dovut kellu jkun €57,135. Isegwi ghalhekk li d-dazju evaz kien €6,278.

Illi d-divergenza li nqalghet bejn l-imputat u l-Prosekuzzjoni kienet proprju fuq il-komputazzjoni tal-multa li kellha tigi imposta. L-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta fiz-zmien tat-twettiq tar-reat kien jipprovdi li min jinstab hati jehel multa ekwivalenti ghal tlett darbiet l-ammont ta' dazju li ghandu jithallas fuq l-oggetti jew €582.34 liema jkun l-akbar, jew ghal dik il-multa flimkien ma' prigunerija mhux izjed minn sentejn.

---

15 12.8% x €80,006
16 12.8% x €106,006
17 12.8% x €85,257
18 12.8% x €134,313

Illi l-Prosekuzzjoni tippretendi li l-multa imposta ghandha tkun tlett darbiet id-dazju totali li kien dovut inkluz ghalhekk dak id-dazju li diga' thallas. Kwindi f'dan il-kaz fiz-zewg istanzi d-dazju totali dovut kellu jkun €50,999 + €57,135 ekwivalenti ghal €108,134. Minn dan l-ammont jirrizulta li s-socjeta' diga' hallset €98,528 mentri d-dazju evaz kien fl-ammont ta' €9,607.

Il-Prosekuzzjoni ghalhekk tikkontendi li l-multa li ghandha tigi imposta ghandha tkun €324,402[19] u mhux €28,821[20] kif pretiz mid-difiza.

Id-difiza rreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Benjamnin sive Benny Mamo et**[21] fejn il-Qorti kjarament irriteniet:

*"*

*"L-Avukat Generali jippretendi li l-multa li ghandha tithallas miz-zewg appellati ghandha tkun ta' €35,457.72. Huwa jibbaza l-kalkolu tieghu fuq il-valuri indikati fid-dokument a fol. 48 li huwa dokument mibghut mid-Dwana Ingliza lid-Dwana Maltija fit-30 ta' Settembru 1994. Din il-Qorti pero' ma tistax tikkondividi l-pretensjoni ta' l-Avukat Generali peress illi kemm fl-akkuza original kif ukoll fil-letter to prosecute (a fol 14-15), id-dazju li gie indikat bhala li gie evaz kien ta' Lm1,393. Difatti dan l-ammont jirrizulta mill-komputazzjoni maghmula mid-Dwana u kif rizultanti mid-dokument datat 26 ta' Novembru 1994 a fol.71. Huwa minnu li d-dazju totali kellu jkun ta' Lm5,074, izda minn dak l-ammont l-appellati hallsu Lm3,681, biex b'hekk id-dazju evaz kien ta' Lm1,393.*

*Issa, skond l-artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, min jinstab hati tar-reati indikati, **"jehel ghal kull wiehed minn dawk ir-reati multa ekwivalenti ghal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li ghandu jithallas fuq l-oggetti jew***

[19] €108,134 x 3
[20] €9,607 x 3
[21] Appell Kriminali deciz fid-9 ta' Gunju 2010

***hames mija u tnejn u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (€582.34), skond liema jkun l-akbar, hekk li terz minn dan l-ammont ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana, jew ghal dik il-multa flimkien ma' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn."***

*Peress illi d-dazju evaz kien ta' Lm1,393 (illum ekwivalenti ghal €3,244.82), tliet darbiet dan l-ammont jigi Lm4,179 (illum ekwivalenti ghal €9,734.46). Ghalhekk kull wiehed mill-appellati ghandu jhallas tali ammont".*

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Massimo Caruana,** il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-18 ta' Dicembru 2012 waslet ghall-istess konkluzjoni dwar dan il-punt.

Din il-Qorti hija wkoll tal-istess fehma. Fl-ewwel lok, fl-akkuza innifisha l-imputat jinsab akkuzat li evada l-ammont ta' €9,607. Fit-tieni lok, dan l-istess ammont huwa l-ammont imsemmi fil-*letter to prosecute.* Fit-tielet lok irrizulta li l-imputat f'isem is-socjeta' AMG Cold Stores Limited hallas xejn anqas minn €98,528. Id-dazju evaz huwa €9,607. Din il-Qorti tqis li d-dover u d-dmir taghha huwa li taghmel haqq u twettaq gustizzja u certament dak li huwa pretiz mill-Prosekuzzjoni huwa nieqes minn dawn l-elementi.

Inoltre' dan ir-reat sehh fis-sena 2007. Permezz ta' l-Att III tas-sena 2013 l-Artikolu 18A tal-Kapitolu 337 (riferut fl-akkuza u fil-*letter to prosecute*) gie revokat. Ghaldaqstant ladarba m'ghadux reat taht il-ligi taghna u l-principju huwa li ghandha tigi applikata l-ligi l-izjed favorevoli ghall-imputat din il-Qorti mhux se tinoltra' ruhha oltre' fuq dan l-artikolu.

Fl-ahharnett, permezz ta' l-Att III tas-sena 2013 dahlu fis-sehh diversi emendi fosthom fl-artikolu 2 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37) fejn minnufih wara t-tifsira 'dazju' zdiedu t-tifsiriet "dazju li ghandu jithallas" [li jfisser id-dazju kollu

dovut fuq l-oggett u jinkludi kemm id-dazju li diga' thallas, kif ukoll id-dazju perikolat] u "dazju perikolat" [li jfisser id-differenza bejn id-dazju kollu dovut fuq oggett u d-dazju li thallas fuq l-istess oggett]. Imbaghad l-artikolu 62 tal-kap 37 gie wkoll emendat parti minnu u inkwantu ghall-piena li tigi imposta meta jkun hemm vjolazzjoni tal-Ordinanza llum jaqra hekk:

*"jehel ghal kull wiehed minn dawk ir-reati multa ekwivalenti ghal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li ghandu jithallas fuq l-oggetti jew hames darbiet l-ammont ta' dazju perikolat, liema minnhom hu l-inqas, izda f'kull kaz mhux inqas minn sitt mitt euro (€600), hekk li terz minn dak l-ammont ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana, jew ggal dik il-multa flimkien ma' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn; u l-hati jista' jigi arrestat jew migjub quddiem il-qorti b'citazzjoni bil-mod u fil-forma kif jinghad fil-Kodici Kriminali, u skont id-disposizzjonijiet l-ohra kollha ta' dak il-Kodici"*

Billi din il-Qorti diga' esprimiet ruhha dwar il-multa li ghandha tigi imposta, b'applikazzjoni tal-ligi li kienet fis-sehh meta twettaq ir-reat ghandha tkun tikkonsisti fid-dazju evaz multiplikat bi tlett darbiet isegwi li l-ligi meta sehh ir-reat hija l-aktar wahda favorevoli ghall-imputat (billi l-ligi kif emendat hija fis-sens li d-dazju evaz multiplikat ghal 5 darbiet).

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-fedina penali tieghu li hija wahda netta. Inoltre' t-tielet imputazzjoni li taghha l-imputat ukoll qieghed jinstab hati twettqet bhala mezz ai fini u ghaldaqstant hija assorbita fiz-zewg imputazzjonijiet l-ohra.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 183, 184, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 18, 62(f)(g)(h)(i)(k)(m) tal-Kapitolu 37

tal-Ligijiet ta’ Malta ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel zewgt imputazzjonijiet u ghaldaqstant tilliberah minnhom, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u tikkundannah ghall-hlas ta’ multa fl-ammont ta’ tmienja u ghoxrin elf tmin mija u wiehed u ghoxrin Euro (€28,821), hekk li terz minn dan l-ammont (ekwivalenti ghal €9,607) ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana.

Tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti ezebiti.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas ta’ l-ispejjez ta’ l-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm hlas ta’ esperti involuti f’dan il-kaz.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------